MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 758/2006

**Gino u Marie Diane konjugi Mule Stagno**

**vs**

**Paul Demicoli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-11 ta' Awissu, 2006;

Rat ir-risposta tas-7 ta' Ottubru, 2007;

Rat l-atti tal-mandat;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-dokumenti;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi, minbarra l-propjeta' f'Haz-Zebbug dettaljament deskritta fil-mandat, l-istess mandat izomm lil Paul Demicoli "milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratwitu xi propjeta', u b'mod partikolari ………"

Illi ghalhekk il-mandat effettivament izomm lil Paul Demicoli milli jittrasferixxi kull propjeta' li ghandu.

Illi l-valur tal-art f'Haz-Zebbug deskritta fl-istess mandat ikopri l-kreditu ta' Lm100,000 likwidati ghall-finijiet tal-istess mandat;

Ghaldaqstant il-Qorti tipprovdi billi tikkonferma d-digriet tat-23 ta' Frar, 2005 ghar-rigward tal-art f'Haz-Zebbug deskritta fl-istess mandat u tirrevoka l-mandat ghar-rigward ta' kull propjeta ohra ta' Paul Demicoli.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------